**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (MDit.)**

**Illum 26 ta' Novembru 2015**

Rikors Guramentat Nru. 110 / 15RGM

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**L-Avukat Joseph Dlis u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia li b'digriet tas-17 ta' Gunju 2015 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fl-20 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-24 ta' Novembru, 1999 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness.

Illi minn dan iz-zwieg ma twiDdux tfal.

Illi l-kontendenti qatt m'ghexu flimkien, ghaliex l-intimat kien tDaq wara sitt xhur ta' zwieg.

Illi ghalhekk, l-kontendenti ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erba' snin.

Illi qed jigi ddikjarat ukoll li m'hemmx prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin.

Illi l-esponenti tixtieq tirrinunzja ghad-dritt taghha ta' manteniment minghand zewgha l-intimat.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(i) Tiddikjara li ghandu jigi ppronunzjat id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti li gie ccDebrat civilment fl-24 ta' Novembru, 1999, ghandu jinhall u dan ai termini tal-Artikolu 66 (A);

(ii) Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-beni formanti parti mill-istess komunjoni jigu divizi kif jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti u ghall-finijiet ta' dina t-talba jigi nominat Perit biex jaghmD il-likwidazzjoni mitluba u Nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-Att.

(iii) ir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-assenti fejn iddikjaraw illi ma humiex edotti mill-fatti.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

Mill-provi mressqa jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fis-sena 1999, ftit xhur wara sseparaw de facto u minn dan iz-zwieg ma kDlhomx tfal.

L-attrici ma ressqet l-ebda pretensjoni la dwar assi tal-komunjoni u lanqas fir-rigward tal-manteniment. Fil-fatt tiddikjara li qed tirrinunzja ghall-kwalunkwe manteniment minghand il-konvenut.

Decide.

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati billi,

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara li ma hemmx divizzjoni tal-assi x'issehh stante li ma rrizultaw l-ebda assi tal-komunjoni.

3. Tordna lir-Registratur sabiex fi zmien ghaxart ijiem utli minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan id-divorzju.

Bl-ispejjez kontra l-assenti konvenut b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghall-assenti ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**